ECHA/PR/16/03

# REACH 2018: Naħdmu flimkien biex naqsmu d-dejta u l-ispejjeż tagħha

## Ir-rekwiżit biex tinqasam id-dejta bejn il-kumpaniji li jirreġistraw l-istess sustanza huwa wieħed mill-aspetti fundamentali tar-Regolament REACH. Billi jagħmlu dan, ir-reġistranti jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż u jevitaw ittestjar bla bżonn, speċjalment fuq annimali vertebrati.

**Ħelsinki, l-1 ta' Marzu 2016** – Pass importanti lejn reġistrazzjoni f'REACH ta' suċċess huwa li torganizza ruħek mal-koreġistranti tiegħek. Il-mod ta' kif dan isir jiddependi minn jekk is-sustanza tiegħek hijiex diġà rreġistrata jew le. L-istabbiliment tal-kooperazzjoni hija *t-tielet fażi* tal-Pjan direzzjonali ta' REACH għall-2018.

**Jekk ma teżistix reġistrazzjoni għas-sustanza**, il-koreġistranti għandhom jistabbilixxu forum ġdid ta' skambju ta' informazzjoni dwar is-sustanzi (SIEF)*. Dan ifisser, fost affarijiet oħra, li għandu jsir qbil fuq modi prattiċi ta' ħidma flimkien, fuq il-kondiviżjoni ta' dejta xjentifika disponibbli u fuq deċiżjoni ta' kif għandu jsir tajjeb għan-nuqqasijiet ta' dejta qabel tipprepara u tissottometti fajl ta' reġistrazzjoni konġunta. Il-kumpaniji jeħtieġu wkoll jaqsmu l-ispejjeż b'mod ġust, trasparenti u mhux diskriminatorju bejn il-membri tas-SIEF.

**Jekk is-sustanza hija diġà rreġistrata**, huwa probabbli li x-xogħol preparatorju jkun diġà sar u li r-reġistranti l-ġodda jkunu jistgħu jikkuntattjaw lis-SIEF biex jagħmlu parti mis-sottomissjoni konġunta. Ikunu jridu jinnegozjaw biex jiksbu aċċess għad-dejta li jkollhom bżonn u jieħdu sehem fil-qsim tal-ispejjeż.

Ir-reġistranti għandhom jevitaw testijiet ġodda billi jagħmlu użu sħiħ tal-alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali. Għandhom ikunu jafu wkoll li l-ECHA ma taċċettax reġistrazzjonijiet fejn ikun ovvju li d-dejta ma tkunx ġiet kondiviża. Għad-dejta disponibbli barra s-SIEF, is-sjieda għandha tiġi rrispettata u kkumpensata.

Pariri prattiċi għas-SIEFs il-ġodda u għan-negozjar ma' reġistranti eżistenti issa huma disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

Nhar l-Erbgħa, 2 ta’ Marzu fil-11:00 (ħin ta’ Ħelsinki), sejjer jiġi organizzat **webinar** dwar it-tielet fażi tal-Pjan Direzzjonali REACH 2018. Dan il-webinar sejjer ifiehem lill-kumpaniji l-kompiti li s-SIEF irid iwettaq biex jipprepara fajl tar-reġistrazzjoni. Jispjega wkoll xi tfisser dejta ġusta, trasparenti u mhux diskriminatorja u kondiviżjoni tal-ispejjeż fil-kuntest ta' REACH u r-Regolament ta' Implimentazzjoni ġdid dwar is-sottomissjoni konġunta tad-dejta u l-kondiviżjoni tad-dejta. Il-parteċipanti jkollhom l-opportunità li jistaqsu mistoqsijiet lil esperti tal-ECHA.

**SIEF huwa grupp speċifiku li r-reġistranti u l-prereġistranti tal-istess sustanza huma parti minnu. Jaqsmu d-dejta għar-reġistrazzjoni għal REACH fis-SIEF.*

**L-isfond**
L-aħħar data ta' għeluq għar-reġistrazzjoni għal REACH sejra tkun il-31 ta’ Mejju 2018. Din id-data ta' għeluq tikkonċerna kumpaniji li jimmanifatturaw jew jimportaw sustanzi kimiċi f’volumi baxxi, bejn 1-100 tunnellata metrika kull sena.

Il-Pjan Direzzjonali REACH 2018 tal-ECHA jaqsam ir-reġistrazzjoni f’seba’ fażijiet, u jiddeskrivi l-punti primarji ta’ kull fażi u attivitajiet ta’ sostenn li l-Aġenzija tippjana li tagħti lil reġistranti.

Il-kumpaniji għandhom jibdew bil-preparazzjonijiet tagħhom kmieni biżżejjed. Il-paġni web ta' REACH 2018 tal-ECHA iservu bħala punt uniku ta' servizz għall-materjal kollu biex jgħin lill-kumpaniji fil-preparazzjonijiet tagħhom.

## Aktar tagħrif

Irreġistra issa: REACH 2018 webinar it-2 ta' Marzu: Organizza ruħek mal-koreġistranti tiegħek - Il-ġestjoni tas-SIEF u l-kondiviżjoni tad-dejta
http://www.echa.europa.eu/view-webinar/-/journal_content/56_INSTANCE_DdN5/title/reach-2018-get-organised-with-your-co-registrants-sief-management-andhttp://echa.europa.eu/view-webinar/-/journal_content/56_INSTANCE_DdN5/title/reach-2018-get-organised-with-your-co-registrants-sief-management-and-data-sharing

Paġni web ta' REACH 2018, infografika u fuljett
http://echa.europa.eu/reach-2018

Appoġġ - Reġistrazzjoni
http://echa.europa.eu/mt/support/registration

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/9 tal-5 ta' Jannar 2016 dwar is-sottomissjoni konġunta ta' dejta u l-kondiviżjoni ta' dejta (EurLex)
http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32016R0009

Fittex sustanzi rreġistrati
http://echa.europa.eu/mt/information-on-chemicals/registered-substances

Nibdew bil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi
http://echa.europa.eu/support/getting-started

Ħelpdesks
http://echa.europa.eu/support/helpdesks/

Bullettin tal-ECHA – REACH
http://newsletter.echa.europa.eu/home/-/newsletter/tag/reach

Materjal ta’ sfond għall-midja
http://echa.europa.eu/press/press-material/pr-for-reach-2018

REACH 2018 f'LinkedIn
https://www.linkedin.com/company/reach-2018

Twitter #REACH2018
https://twitter.com/hashtag/reach2018